# IL-PATRIMONJU TUL IŻ-ŻMIEN

## Diskors magħmul mir-Rev. Dr. Joseph Bezzina f'JUM IL-PATRIMONJU EWROPEW fis-Santwarju Nazzjonali tal-Kunċizzjoni l-Qala 25 ta' Novembru, 1994

IL-KELMA PATRIMONJU hi terminu soċjali li jfisser il-ġabra tal-ġid kollu mirut, il-wirt li ġej minn żmien mill-missier għall-iben. Patrimonju Nazzjonali hu għalhekk il-ġid storiku mħolli minn missirijietna — il-Kultura Maltija, li hi kultura prevalentament Ewropeja u Nisranija.

## Definizzjoni

Id-definizzjni klassika tal-kelma kultura nsibuha fil-ktieb tal-magħruf antropoloġist Ingliż Edward Burnett Tylor li proprju fil-bidu tal-ktieb tiegħu *Primitive Culture* mitbugħ fl-1871 jikteb:

*Culture... is that complex whole which includes knowledge, belief, art, morals, law, custom, and any other capabilities and habits acquired by man as a member of society.* Il-Kultura... hi dik il-kumpless li jinkludi l-għerf, it-twemmin, l-arti, il-morali, il-liġi, il-kostum, u kull kapaċità u drawwa miksuba mill-bniedem bħala membru ta' soċjetà.

Kull soċjetà umana għandha l-patrimonju jew is-sistema soċjo-kulturali partikulari tagħha, sistema li però, ftit jew wisq, ixxaqleb jew tieħu minn sistemi oħra; fil-każ tagħna, is-sistema soċjo-kulturali Ewropeja. Hu għalhekk xieraq illi Malta, li hi geografikament fl-Ewropa u li qegħdha politikment tfittex rabtiet iktar qawwija ma' l-Ewropa, tiċċelebra Jum il-Patrimonju Ewropew.

## Paralelliżmi

L-iżvillupp fil-patrimonju u l-paralelliżmi u l-varjazzjonijiet fis-sistemi soċjo-kulturali hi attribwita lil diversi fatturi: l-ewwel, u fuq kollox, lit-tibdil ekoloġiku u ambjentali; it-tieni, lit-tixrid ta' diversi xejriet ta' kultura fost soċjetajiet li bejn wieħed u ieħor għandhom żvillupp kulturali li jixxiebaħ; it-tielet, lill-akkulturazzjoni, jiġifieri l-akkwist ta' kultura barranija minn poplu suġġett għal bnedmin ta' kultura oħra; u r-raba', lill-evoluzzjoni ta' l-elementi kulturali matul iż-żmien. Niġi għalihom waħda waħda u nuri kemm il-patrimonju Malti għandu fih wirt Ewropew.

## Tibdil ekoloġiku u ambjentali

L-ewwel, is-sistema kulurali hi influwenzata ħafna mit-tibdil ekoloġiku u ambjentali. Kull sistema soċjo-kulturali għandha l-ambjent tagħha u dan jeżerċita influwenza kbira fuq il-patrimonju: Malta u Għawdex huma arċipelagu f'nofs il-Mediterran. Il-ġeoloġija tipprova li Malta u Għawdex bdew jiġu ffurmati f'qiegħ l-ibħra mal-ħamsa u għoxrin miljun sena ilu u telgħu f'wiċċ il-baħar mal-għaxar miljun sena ilu. Fil-bidu kienu magħquda ma' Sqallija. F'xi żmien mhux magħruf dan il-pont naturali bejn l-arċipelagu Malti u l-Ewropa niżel taħt il-baħar u saru gżejjer maqtugħa għalihom. Sqallija tinsab kemmxejn inqas minn tmenin kilometru 'l bogħod minn Għawdex u għax daqstant qrib hi ħaġa minn awl id-dinja li jeżisti xebħ kbir bejn il-kumpless kulturali Malti u dak tal-gżira qrib tagħna; xebħ li beda, kif ngħid dalwaqt, sa mill-ibgħad żminijiet u għadu qawwi sal-lum.

## Kultura kuntaġjuża

It-tieni, il-patrimonju hu nfluwenzat mit-tixrid ta' diversi xejriet ta' kultura fost soċjetajiet li bejn wieħed u ieħor għandhom żvillupp kulturali li jixxiebaħ iżda li bi żmien jiġu addattati għal post li jkun. Il-kultura hi kuntaġjuża, qal antropoliġist magħruf. Għalhekk f'Malta u Għawdex wieħed isib ħafna kostumi, twemmin, teknika, leġġendi, ornamenti, u ħwejjeġ oħra li jixbħu ħafna l-popli qrib tagħna fi Sqallija u mkejjen oħra. Xejriet kulturali li biex kienu aċċettati għaliex kienu ta' utilità jew ta' pjaċir lill-poplu li aċċettahom. L-iżolazzjoni ta' poplu jew il-possibilità ta' kommunikazzjoni għalhekk jostakolaw jew igħinu dan il-proċess. Illum hi ħaġa kważi ċerta li Għawdex u Malta kienu mgħammra għall-ewwel darba min-nies li qasmu fuq ċattra minn Sqallija mas-sebat elef-

sena ilu. Infatti l-eqdem patrimonju preistoriku li għandna — diversi bċejjeċ ta' fuħħar — jixbaħ ħafna lil dak ta' Monte Kronio u Stentinello fi Sqallija. Maż-żmien il-poplu li għammar dawn il-gżejjer beda jiżvilluppa kultura u patrimonju partikulari li laħqet l-aqwa tagħha fil-fażi tal-bini tat-Tempji Megalitiċi bħalma hu t-Tempju tal-Ġgantija li beda jinbena lejn il-5600 sena ilu. Illum għandna ħjiel li seta' kien hemm xi Tempju Megalitiku simili għal dan fl-inħawi tal-Ġebla l-Wieqfa hawn il-Qala.

## L-akkulturazzjoni

It-tielet, il-patrimonju jiżdied bl-akkulturazzjoni, jiġifieri bl-akkwist ta' kultura barranija minn poplu suġġett għal bnedmin ta' kultura oħra. U hu minħabba l-akkulturazzjoni li Malta għandha patrimonju Ewropew tassew rikk. Mat-tmiem taż-żmien imsejjaħ preistoriku seba' mit sena qabel Kristu, Malta għaddiet minn taħt ħdax-il dominazzjoni differenti. L-ewwel kienu l-Puniċi, jiġifieri l-Feniċi u l-Kartaġiniżi, li ġew mill-Lvant u mill-Afrika ta' Fuq. Iżda fis-sena 218 QK, Malta għaddiet taħt id-dominazzjoni Rumana, u hekk il-patrimonju Malta beda jiġi nfluwenzat mill-kultura tal-kontinent Ewropew u dam hekk sas-sena 535 WK. Kien fi żmien ir-Rumani li Malta u Għawdex kisbu wieħed mill-aqwa wirt li għadhom igħoddu sal-lum: it-Twemmin Nisrani imwassal fix-xtut tagħna minn San Pawl wara n-nawfraġju tiegħu fuq il-gżira. Warajhom ġew il-Biżantini mill-Imperu Ruman tal-Lvant u mis-sena 870 sa l-1127 kien hawn it-tmexxija Għarbija li ffluwenzat il-lingwa mitkellma f'dan l-arċipelagu bil-formazzjoni ta' wieħed mill-aqwa patrimonji li għandna: il-lingwa Maltija. Wara dawn bdiet il-ħakma twila tan-Nazzjonijiet Ewropej: in-Normanni, l-Iżvevi, u l-Anġojjin, l-Aragoniżi. Fl-1530, Malta u Għawdex għaddew taħt il-krema ta' l-aristokrazija Ewropeja: il-Kavallieri ta' San Ġwann, illum imsejħa l-Kavallieri ta' Malta. It-tagħlim, it-twemmin, l-arti, il-mużika, il-morali, il-liġijiet, il-kostum, u ħafna drawwiet li għandna żvilluppaw proprju taħt l-influwenza ta' l-Ewropej.

Nagħti żewġ eżempji, l-ewwel wieħed b'rabta mas-Santwarju fejn qegħdin il-lejla. Sa minn żminijiet l-iktar imbegħda f'din il-kappella kien hawn kwadru li nistgħu nsejħulu ta' pittura primittiva, mingħajr wisq żvilupp. Il-folja nqalbet fil-21 ta' Novembru, 1615, meta l-Isqof Baldassar Cagliares (1614-1633) għamel l-għotja prezzjuża tal-kwadru tal-Kunċizzjoni Immakuluta li l-istoriku Ghawdxi Ġann Piet Franġisk Agius De Soldanis jaċċertana li hi pittura konstantment attribwita lil Federico Barocci ta' Urbino (c1535-1612) — magħrufa fuq kollox fl-istorja ta' l-Arti għall-famuża *Madonna del Popolo* fl-*Uffizi* ta' Firenze. Dan il-pittur ta' żmien il-kontro-riforma juri l-Madonna f'estasi. Il-figura ta' Alla l-Missier hi realiżżata b'mod l-iktar splendidu f'baħar ta' dawl. Hu miżmum minn diversi kerubini waqt li qisu qiegħed jaċċenna lill-Madonna li wasal iż-żmien tar-Redenzjoni. Il-Madonna tidher titrijonfa billi tgħaffeġ ras is-serpent. Din il-pittura u oħra li turi l-Ħarba ta' Familja Mqaddsa lejn l-Eġittu, opra oħra rregalata mill-istess Isqof u li llum tinsab fil-Mużew tal-Katidral, juru kif anki patrimonju Ewropew mill-iktar rikk seta' jasal fil-gżira tagħna bil-proċess hekk imsejjaħ ta' l-akkulturazzjoni. Dawn il-kwadri nfluwenzaw ħafna kwadri li saru warajhom.

It-tieni eżempju ta' inkulturazzjoni qegħdin ingawduh b'widejna. Jekk tagħtu daqqa ta' għajn lejn il-programm taraw kemm il-gosti mużikali tal-Maltin insubhom fil-mużika Ewropeja u l-kitba mużikali lokali hi wkoll influwenzata mill-istess għejjun.

## L-evoluzzjoni

Ir-raba', il-patrimonju jiżdied bl-evoluzzjoni ta' l-elementi kulturali matul iż-żmien. Din l-evoluzzjoni hi dik li eventwalment tagħżel patrimonju minn ieħor u li toħloq patrimonju partikularment, bħalma hu l-patrimonju Malti. Hekk wara l-influwenza twila fuq il-patrimonju tagħna mill-kultura hekk imsejħa Latina, ta' l-Ewropa tan-Nofs u ta' Isfel, għaddejna taħt kultura Anglo-Sassonika meta fl-1800, bdew imexxu l-Ingliżi. Saħansitra l-aqwa wirt tagħna, il-lingwa Semitika Maltija kienu influwenzata mill-Ingliż. U dan ġara għax hi lingwa ħajja, patrimonju li qiegħed jiġi mħaddem. U wara li fl-1964, Malta saret nazzjon Indipendenti, din l-evoluzzjoni lanqas waqfet, iżda għadha sejra influwenzata l-iktar min-numru kbir ta' barranin li ta' kuljum ikunu fostna.

Għalhekk ngħarfu napprezzaw il-patrimonju sħiħ tagħna, inħarsuh biex ingawduh aħna u l-barranin li jiġu jżuruna u nitħabbtu ħalli dak li għaddewlna, ngħożżuh, inkattruh, u ngħadduh lil ta' warajna. ■

*Fotoflora*

***Flower Arrangements***
***and Professional Photos***
***and Video Service***
***for every occasion are accepted***

**Fotoflora**

Shopping Arcade, Market Street
Victoria. Tel. 560211 / 551199